# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 16 ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru: 12/2014 CSH**

**Antonia Barbara**

**vs**

**John Polidano u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2014 l-atti gew trasfuzi minn fuq id-decujus John Polidano ghal fuq martu Violet Polidano ghal fuq martu Violet Polidano u uliedu Richard, Jerry u Jane Cassar ahwa Polidano.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat nhar is-16 ta' Jannar 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) gia hamest elef liri Maltin (Lm5,000) rapprezentanti ammont ekwivalenti ta' flus li kienu gew mislufa lill-konvenut kif jinsab rifless f'cheque hawn anness immarkat Dok A mahrug u ffirmat mill-istess konvenut li pero' baqa' ma giex onorat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata nhar il-11 ta' Frar 2014 fejn eccepixxa:

1. *"Illi it-talba tar-rikorrenti hija preskritta.*
2. *Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suepsost ebda ammont ta' flus ma huwa dovut minn l-intimat versu ir-rikorrenti u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza*
4. *Salv eccezzjonijeit ulterjuri* **.**

*Bl-isepejjez kontra r-rikorrenti"*

**Dr. Raphael Fenech Adami** xehed fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014 fejn qal li huwa kien qed jippatrocina lill-attrici u dan wara li l-attrici kienet selfet is-somma ta' hames elef lira Maltin (Lm5,000) lill-konvenut. Qal li huwa fil-fatt kien kitiblu kemm b'ittri bonarju u kemm b'ittri ufficjali fil-fatt baghat ittra uffficcjali lill-konvenut nhar it-28 ta' Novembru 2012 (Dok CSH) fejn kien talab lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) li kienet selfet lilu. Tenna li in segwitu kien baghat ittra ufficjali ai temini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 nhar id-19 ta' Dicembru 2012 (Dok CSH 1) fejn ghal darb'ohra talab lill-konvenut ihallas lill-attrici izda cio' nonostante l-konvenut baqa' ma ghamel l-ebda pagament. Sostna li huwa kien gie avvicinat minn Dr Henry Antoncich fil-mori tal-kawza u li dan kien qallu li l-konvenut kellu bzonn xi zmien sabiex ihallas lura. Ix-xhud esebixxa l-original tal-ittra li rcieva minn Dr Antoncich li giet mmarkata Dok CSH2. Huwa qal li kien anke rcieva emails f'dan is-sens. Baqghu ma ftehmux dwar il-modalita' tal-hlas u ghalhekk ghamlu ittra ufficjali 166A. Din l-ittra ufficjali giet kontestata permezz ta' rikors ghalkemm giet reza ezekuttiva u wara kkontestaw in-notifika u allura dik spiccat mhux titolu ezekuttiv u ghalhekk intavolaw din il-kawza.

L-attrici **Antonia Barbara** xehdet fl-istess jum u kkonfermat li kienet selfet is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) lill-konvenut u dan fis-sena 2007 u

ftit ta' zmien wara kien taha cheque b'dan l-istess ammont pero' dan ic-cheque datat 2 ta' Jannar 2007, li kopja tieghu jinsab esebit fl-atti a fol. 2, ma ssarrafx minkejja li marret bih l-Bank f'zewg okkazjonijiet. Taf li sussegwentment bghatitlu ittri bil-Qorti pero dawn gew kkontestati ghaliex qal li kien qed jirrissjedi go fond differenti. Qalet li l-konvenut lilha qatt ma qallha li ma riedx ihallasha lura izda dejjem kien igibilha skuza. Tiftakar li l-flus kienet sellfithomlu fis-26 ta' Ottubru 2006 u l-ittra ufficjali hija datata 28 ta' Novembru 2012 – Dok CSH.

Il-konvenut **John Polidano** xehed fl-istess jum tas-26 ta' Frar 2014 u spjega li huwa kien issellef xi flus minghand l-attrici u dam tnax-il sena jhallasha ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha. Mistoqsi dwar il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) wiegeb li ma kien jaf xejn u kien nesa. Fl-istess hin qal pero' li kien issellef xi flus minghand l-attrici xi hmistax-il sena ilu. Mistoqsi jispjega ghaliex Dr Antoncich stqarr fl-ittra tieghu li kellu bzonn zmien sabiex ihallas qal li dan mhux hekk, kien kellem lil Dr Antoncich izda kien qallu li jekk il-kawza tinqata' kontra tieghu setghax ihallas id-debitu tieghu biz-zmien. Meta gie mistoqsi jekk il-kawza kienitx gja infethet qal li le.

Il-Qorti semghet lill-avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzijoni u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din l-eccezzjoni.

Rat is-sentenza preliminari li nghatat fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2014 fejn kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Rat illi fil-mori ta' dawn il-proceduri il-konvenut John Polidano miet u ghalhekk kellha issir il-legittimazzjoni tal-atti liema atti gew regolarizzati b'digriet ta' din il-Qorti ta' nhar is-6 ta Ottubru 2014 (fol. 29).

Rat ir-risposta tal-konvenuti Jane Cassar u Richard Polidano li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar it-28 ta' Jannar, 2015 fejn eccepew:

1. *"Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat illi l-intimati ma jistawx jitqiesu bhala l-legittimi kontraditturi u ghandhom ghalhekk jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju, u dan peress li t-tnejn li huma rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom John Polidano (Nota ta' Rinunzja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A');*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi t-talba attrici hija in ogni caso nfondata kemm fattwalment kif ukoll legalment u kwindi ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha;*

3. *Illi dan stante illi, ebda ammont ta' flus, ma huwa dovut minn l-intimat John Polidano versu r-rikorrenti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta ta' Jerry Polidano, prezentata fl-10 ta' Gunju, 2015 fejn eccepixxa:

*"Illi Jerry Polidano kien irrinunzja ghall-wirt ta' missieru John Polidano, hekk kif jidher mill-kopja ta' kuntratt immarkat Dok. A ma' din ir-risposta.*

*B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, bl-ispejjez tal-prezenti u tar-rapprezentanta u assistenza legali kontra r-rikorrenti."*

L-attrici **Antonia Barbara** regghet xehdet fl-10 ta' Gunju, 2015 fejn ikkonfermat li fil-fatt lil John Polidano kienet tafu sewwa w fil-fatt minnu ghandha tifel ta' hamsin (50) sena w qalet li kienet ssellfitu s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (LM5,000) liema somma kien raddhielha lura permezz ta' cekk li jinsab a fol. 2 tal-process, liema cekk pero' ma giex onorat u sal-lum-il gurnata baqghet ma thallsitx. Qalet li qabel ma fethet il-kawza, kienet baghtitlu ittra bl-avukat.

Il-konvenuta **Violet Polidano** pprezentat nota fil-5 ta' Novembru, 2015 li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha fejn hija ddikjarat bil-gurament li John Polidano kien zewgha ghalkemm matul l-ahhar ghoxrin (20) sena meta hu kien ghadu haj kienu jghixu hajja separata u filfatt kienu jorqdu f'kamar tas-sodda differenti peress li r-relazzjoni taghhom ma kienitx daqshekk tajba. Ghalkemm hija ma tafx lil Antonia Barbara personalment, hija taf isimha ghaliex hija kienet taf li zewgha kien ilu jiltaqa' ma' din il-mara kwazi tul il-hajja matrimonjali taghhom kollha. Hija qatt ma kkommettiet adulterju fil-konfront ta' zewgha u hija omm twajba u ma jidhriliex li kellha tigi trattata kif giet trattata. Ukoll, zewgha nefaq iktar eluf fuq din il-mara milli qatt nefaq fuqha u fuq uliedha.

Hija tikkonferma li ma taf xejn fuq dawk il-hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro (Eur11,646) u hija saret taf biss meta nfethu proceduri civili li kellu jaghti hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro (Eur11,646) lil Antonia Barbara. Dan il-ghaliex huwa qatt ma qalilha li kien

issellef flus minghand Antonia Barbara u qatt ma semma' li hija taghtu din is-somma flus.

Ghalkemm, hija tikkonferma li wara li rceviet il-karti tal-Qorti, zewgha cahad li huwa kien issellef flus minghand din il-mara. Ghall-kuntrarju huwa qal li hass li huwa kaz ingust apparti milli cahad li ssellef flus minghandha, huwa nsista li dejjem issapportja finizjarjament lil Antonia u l-familja taghha.

Hija xtaqet izzid li tixtieq li tista' tirrinunzja ghall-wirt ta' zewgha u tevita milli tmur il-Qorti, bhal ma ghamlu uliedha, imma sfortunatament ma tistax taghmel dan, minhabba d-dar matrimonjali, li hija l-uniku assi li halla zewgha.

Rat illi l-partijiet ma kellhomx aktar provi xi jressqu u ghalhekk din il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza in difett d'ostakolo u dan fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza bbazata biss fuq kwistjoni ta' provi u cioe' jekk l-attrici irnexxilhiex tipprova li hija kienet selfet is-somma ta' hamest elef Liri Maltin (LM 5,000) lil John Polidano u jekk effettivament John Polidano kienx hallasha lura din l-istess somma mislufa. Una volta l-attrici tallega s-somma minnha citata kienet u ghadha dovuta, l-oneru kien fuqha li tipprova li l-hlas ma sarx.

Illi jidher li l-attrici kienet silfet is-somma ta' hames elef lira Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) lil John Polidano zewgt il-konvenuta Violet. Illi meta John Polidano xehed il-Qorti spjega li huwa kien ssellef il-flus minghand l-attrici xi hmistax-il sena qabel u kien ihallasha lura bir-rata ta' ghoxrin Lira Maltija fil-gimgha. Jghid ukoll li ma kienx minnu li lil Dr Antoncich l-avukat tieghu kien qallu li kien lest li jhallas

lill-attrici din is-somma mitluba minnha b'rati mensili ghaliex il-qaghda finanzjarja tieghu ma kinitx tajba. Mistoqsi ghaliex fl-ittra datata 5 ta' April 2013 ( Dok CSH 2 a fol. 14) li kien baghat lill-attrici tramite l-avukat tieghu Dr. Antoncich kien talab zmien biex ihallas lura din is-somma jghid li ghamel hekk f'kaz li jigi ikkundannat ihallas din l-istesss somma mill-Qorti. Il-konvenut pero' ma ressaq l-ebda ricevuta sabiex jipprova li ghamel xi hlas.

Din il-Qorti taghmel refenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet "**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja**" fejn ipprovdiet:

*"Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali"* (Ara **"Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe"**, Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; **"Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe,"** Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Kif jinghad mill-***Phipson*** **"On Evidence**", (11th Edition, para 103) "*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*".

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri'** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu*

*jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega ddebitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju liehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx* debitu".

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenut tal-pagament li huwa jkun ghamel. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet '**Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech'** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega"*. Fi kliem iehor, una volta l-attrici tipprova li silfet il-flus lil John Polidano zewg l-konvenuta Violet Polidano, il-konvenuta Violet Polidano (u dan ghaliex ulied John Polidano kienu rrinunzjaw ghal wirt ta' missierhom) jenhtiegilha tipprova, b'mod konvincenti u konkluziv, illi zewgha kien effettivament ghamel l-hlas lura tas-somma reklamata (jekk m'ghamlitx il-hlas hi stess) jew addirittura li tali somma mhux vera qatt giet mislufa lil zewgha.

Fl-atti pero' jirrizulta li effettivament l-konvenut nhar it-2 ta' Jannar 2007 (dokument esebit a fol. 2) kien hareg cheque fl-istess ammont ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) pagabbli lill-attrici pero' dan ic-cheque ma ssarrafx u gie ritornat lura lill-attrici bil-kliem ' *refer to drawer'* . Ghalhekk dan hu indizju car u univoku li effettivament John Policadno verament kellu jaghti s-somma ta'Lm5,000 lill-attrici ghal xi raguni jew ohra.

L-attrici tispjega li dan huwa c-cheque li permezz tieghu hija kellha tithallas lura tas-somma li kienet silfet lilu, liema somma pero' ghadha ma rcevietx sa llum u din ix-xhieda ma giet kontestata jew michuda minn hadd.

Il-konvenuti ulied John Polidano lkoll kienu rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju pero' martu Violet Polidano eccepiet li l-ammont ta' flus m'humiex dovuti. Jinghad li pero' fil-proceduri odjerni l-konvenuta ma spjegatx ghaliex fil-fehma taghha hija m'ghandhiex thallas din is-somma flus mislufa lil zewgha salv li hasset li ghamlet bizzejjed ma' zewgha u li zewgha li ghamel zmien twil f'relazzjoni mal-attrici kien nefaq bizzejjed flus fuqha u fuq il-familja taghha waqt li hija baqghet fidili lejh. Tghid ukoll li qabel ma l-attrici fethet din il-kawza kontra taghha, hija ma kienet taf xejn dwar din il-pendenza li kellha ma' zewgha u ghalhekk thoss li m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-dejn tieghu minkejja li ma rrinunzjatx ghall-wirt tieghu u fil-fatt ghandha sehma mid-dar matrimonjali li kellha mieghu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tillibera lill-konvenuti Richard Polidano, Jerry Polidano u Jane Cassar mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex il-legittimi kontradittụri tal-attrici, qieghda tichad l-eccezzjonijeit sollevati minn Violet Polidano u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuta Violet Polidano thallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) gia hamest elef Liri Maltin (Lm5,000).**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Violet Polidano.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**